MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 632/1990/1

**Victor Licari ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' "Aluminium Limited"**

**Vs**

**Emmanuel Zammit**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-kumpanija attrici kienet ghamlet xoghol varju ta' hgieg u *aluminium* fil-hanut tad-deheb tal-konvenut u fuq ordni tal-konvenut, konsistenti f'dawk ix-xogholijiet indikati fil-'quotation' tas-17 ta' Mejju, 1989, hawn annessa u mmarkata Dok. A., u kif jirrizulta mill-*isketches* ossia' pjanti relattivi hawn annessi u mmarkati Dok B, C, D, E, F;

U premess illi l-konvenut ghandu jaghti lill-attur nomine is-somma ta’ elf u sittin lira Maltin u sebgha w sittin centezmu (Lm1,060.67), bilanc ta’ somma akbar rapprezentanti prezz ghax-xogholijiet ta’ hgieg u *aluminium* kif fuq inghad u kif jirrizulta mill-invoice hawn anness u mmarkat Dok. G.;

U premess illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi biex jersaq ghall-hlas tas-somma fuq imsemmija izda dana xorta baqa’ inadempjenti;

Is-socjeta’ attrici talbet in vista tal-premess lil din il-Qorti,

1. Tikkundanna lil konvenut ihallas lill-kumpanija attrici s-somma ta’ elf u sittin lira Maltin u sebgha w sittin centezmu (Lm1,060.67) bilanc ta’ somma akbar rapprezentanti prezz ghal xoghol ta’ hgieg u *aluminium* esegwit mill-attur nomine fuq ordni tal-konvenut kif fuq inghad.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-1 ta’ Frar, 1990, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

**Rat in-nota tal-eccezzjonijeit tal-konvenut Emanuel Zammit** a fol. 19 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-eccipjent mhux debitur tas-socjeta’ attrici fl-ebda ammont.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

3. Illi l-eccipjent jipprevalixxi ruhu mill-azzjoni attrici sabiex jaghmel il-kontra-talba tieghu.

**Rat il-kontro-talba tal-konvenut Emanuel Zammit** ghall-azzjoni attrici ta’ Victor Licari ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Aluminium Limited fejn

ippremetta illi l-konvenut inkariga lis-socjeta' attrici sabiex taghmillu xoghol varju ta' hgieg u aluminium fil-hanut tieghu f'Bugibba, limiti ta' San Pawl il-Bahar;

Premess illi gie miftiehem u stipulat zmien sabiex is-socjeta' attrici tlesti l-istess xoghol u tikkonsenja l-hanut hekk komplut mill-hgieg u aluminium;

Premess illi l-istess xoghol pattwit tlesta fit-30 ta' Novembru, 1989, mentri dan kellu jsir sas-17 ta' Gunju, 1989;

Premess illi l-konvenut kien jigbed l-attenzjoni tas-socjeta' attrici ghad-data tat-terminazzjoni tal-istess inkarigu, hija xorta wahda baqghet inadempjenti.

Premess illi tort unikament tas-socjeta' attrici minhabba l-inadempjenza tal-obbligi minnha assunti verso l-konvenut, l-istess konvenut sofra danni, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, fosthom telf ta' qliegh, hlas inutili ta' kera u tal-permessi relattivi tal-pulizija, u ta' nteressi fuq self/*overdraft* ma' banek lokali.

Premess illi ghalkemm is-socjeta' attrici giet interpellata sabiex taddivjeni ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni, hija baqghet inadempjenti;

Il-konvenut rikonvenzjonat talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara lis-socjeta' attrici responsabbli ghad-danni sofferti mill-konvenut stante n-nuqqas ta' adempjenza tal-pattijiet da parti tal-istess socjeta' attrici, nkluz li tlesti x-xoghol lilha inkarigat mill-konvenut fiz-zmien stipulat;

2. Tillikwida l-istess danni sofferti mill-konvenut, occorrendo permezz ta' perit nominandi.

3. Tikkundanna lis-socjeta' attrici thallas lill-konvenut dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 27 ta' Mejju, 1990, u bl-interessi kummercjali mid-data tal-istess

ittra sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' attrici mil-lum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Emanuel Zammit a fol. 22.

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-attur nomine ghall-kontro-talba tal-konvenut** a fol. 16 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonat huma nfondati sia fid-dritt u sia fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-eccipjent ma kkawza ebda danni lill-konvenut.

2. Ilii x-xoghol li fuqu l-konvenut qieghed jilmenta fil-fatt sar skond il-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt opportun.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet a fol. 53;

Rat in-nota a fol. 209 u l-verbal a fol. 252;

Rat ir-relazzjoni a fol. 210;

Rat in-nota tal-konvenut a fol. 255;
Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Talba**

Dwar l-ammont mitlub fic-citazzjoni ma hemm ebda kontestazzjoni u l-konvenut ma hallasx billi sostna li s-socjeta' attrici kienet inadempjenti fil-pattijiet minnha assunti, liema inadempjenza kkagunat danni lill-konvenut, li pprezenta kontrotalba ghal dawn id-danni.

**Kontrotalba**

Illi mill-provi li l-perit nominat minn dina l-Qorti semgha u gabar irrizultalu li fil-fatt kien hemm dewmien fl-esekuzzjoni ta' l-appalt u ghalhekk il-konvenut hu ntitolat ghad-danni li hu talab fil-kontrotalba tieghu.

Illi l-perit sab li kien hemm dewmien ta' sebgha u sittin (67) gurnata jekk il-perjodu tas-*shut down* ma jigix inkluz, mentri kien hemm sebgha u sebghin (77) gurnata jekk jigi nkluz dan il-perjodu li l-atturi damu bis-*shut down*. Kwantu ghas-*shut down* tas-*sub contractor* Ars Vitrea, ma saritx prova ghal liema perjodu din damet maghluqa.

Il-perit tekniku halla l-kwistjoni tas-*shut down* ghad-decizjoni tal-Qorti billi dana huwa punt legali.

Il-Qorti ezaminat il-ftehim li kien sar bejn il-partijiet (ara dok JL a fol. 37). Skond dana l-ftehim id-*delivery* kellu jkun "between 4-6 working weeks from when exact measurements can be taken". Il-Qorti tifhem, li fin-nuqqas ta' ndikazzjoni mod iehor, *working weeks* m'ghandhomx jinkludu festi jew meta l-fabbrika tkun bix-*shut down* cjoe meta ma tahdimx.

Il-Perit tekniku elenka kif sab dan id-dewmien u cjoe hu mexa fuq dati provduti mill-istess atturi ta' kif gie ezegwit ix-xoghol. Il-Perit sab li kien hemm sittax (16) il-gurnata dewmien mid-19 ta' Gunju, 1989 sat-12 ta' Lulju, 1989; sitta u ghoxrin (26) gurnata dewmien mill-10 ta' Awissu, 1989 sat-3 ta' Ottubru, 1989 (bla ma tikkunsidra s-shut down) u hamsa u ghoxrin (25) gurnata dewmien mit-8 ta' Ottubru, 1989 sal-10 ta' Novembru, 1989. B'kollox sebgha u sittin (67) gurnata.

Dwar iz-zmien miftiehem ghal konsenja tax-xoghol, il-perit tekniku ha *six weeks* massimu minhabba d-diffikultajiet li kien hemm fl-esekuzzjoni tax-xoghol u l-fatt li x-xoghol kien xi ftit komplikat. Dawn is-sitt gimghat jirrapprezentaw tletin (30) gurnata lavorativa ghalhekk kien hemm proprjament dewmien ta' sebgha u tletin (37) gurnata lavorativa.

Il-Qorti ser tikkalkola fuq dewmien ta’ 67 *days* li l-perit wasal ghalihom. Minn dawn kif ghedna jridu jitnaqqsu s-sitt gimghat imsemmija li jirrapprezentaw il-perjodu konkordat bejn il-partijiet ghat-tlestija tax-xoghol cjoe tletin (30) gurnata. Ghalhekk hemm sebgha u tletin (37) gurnata lavorativa ta’ dewmien. Ai fini ta’ kalkolazzjoni ta’ danni, dawn huma ekwivalenti ghall wiehed u hamsin (51) gurnata tas-sena.

Il-Perit irrimarka li l-istima ta’ danni allegatament sofferti mill-konvenut fid-Dok PQ1, JB 3 JB 5 huma esageratament gholja ghar-ragunijiet minnu msemmija (ara fol. 245/6).

Il-Perit tekniku hadem l-ammont ta’ danni li l-konvenut jista jirreklama a bazi ta’ dawn is-37 gurnata ta’ dewmien a fol. 247 fl-ammont ta’ **Lm1,227.76,** konsistenti f’telf ta’ kera, profit pro rata mitluf, permess tal-pulizija ukoll pro rata. Il-Qorti taqbel li l-*overdraft* m’ghandux jittiehed in konsiderazzjoni billi dan jindika perjodu wara li tlesta x-xoghol mis-socjeta’ attrici (Dok JB5 fol. 146). Pero’ ma taqbilx mal-perit li l-konvenut ghandu jinghata Lm27.94 tal-permess billi dan jidher li hu ghas-sena 1990 (Dok fol. 136 et seq). Ghalhekk l-ammont dovut lill-konvenut bhala danni huwa ta’ Lm1,199.82

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa’ t-talba attrici
u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta’ elf u sittin lira Maltin u sebgha u sittin centezmi (Lm1,060.67);
tilqa’ l-kontrotalba tal-konvenut
u tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat li jhallas is-somma ta’ elf mija u disgha u disghin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm1,199.82)
Spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------